MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 2108/1998/1

**Michele Peresso Limited**

**vs**

**Ivan Vassallo**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat l-**att tac-citazzjoni** li permezz taghha s-socjeta' attrici ppremettiet illi:

Peress illi l-konvenut kien impjegat mas-socjeta' attrici bhala *Healthcare Manager* u r-responsabbiltajiet lilu fdati bis-sahha ta' l-impjieg tieghu kienu jikkomprendu dawk li jirrizultaw mill-anness Dokument 'A';

Peress illi fil-kors ta' l-impjieg tieghu il-konvenut ma wettaqx id-doveri tieghu skond il-kariga lilu fdata u minflok wettaq atti kontra l-interessi tas-socjeta' attrici;

Peress illi inoltre il-konvenut, fil-kors ta' l-impjieg tieghu mas-socjeta' attrici, b'negligenza, traskuragni u nuqqas ta' hila ghamel atti jew naqas milli jwettaq atti ohra b'tali mod li kkawza dannu lill-istess socjeta' attrici;

Peress illi l-konvenut waqt li kien ghadu impjegat mas-socjeta' attrici, u anke wara li hu temm l-impjieg tieghu, hu ghamel uzu minn informazzjoni kunfidenzjali dwar l-istess socjeta' attrici u l-klijent taghha, b'mod li anke b'dan l-agir irreka dannu lis-socjeta' attrici;

Peress illi wkoll il-konvenut wara li hu ttermina l-impjieg tieghu minn mas-socjeta' attrici xerred notizji dwar l-istess socjeta' li kkawzaw u qed jikkawzaw dannu u telf ta' negozju lill-istess socjeta' attrici;

Jghid il-konvenut ghalhekk ghaliex ghar-ragunijiet premessi m'ghandiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li b'konsegwenza ta' l-ghemil doluz u nuqqasijiet da parte tal-konvenut fil-konfront tas-socjeta' attrici fiz-zmien li hu kien impjegat mas-socjeta' attrici, u anke wara li hu ittermina l-impjieg tieghu, hu kkaguna danni lis-socjeta' attrici;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenut huwa unikament responsabbli ghad-danni hekk sofferti mis-socjeta' attrici;

3. Tillikwida tali danni hekk sofferti mis-socjeta' attrici okkorrendo b'opera ta' periti nominandi.

4. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici, in linea ta' danni, dawk id-danni li jigu hekk likwidati ai termini tat-tielet domanda.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra legali datata 17 ta' Settembru 1998, kontra l-konvenut li jibqa' ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-Dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici a fol. 3 tal-process.

Rat in-**nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut** a fol. 16 tal-process fejn eccepixxa:

Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenut dejjem agixxa korrettement u b'responsabbilta' fl-ezercizzju ta' l-impjieg tieghu mas-socjeta' attrici kif ukoll wara li ttermina l-impjieg tieghu ma l-istess socjeta'.

Illi sekondarjament ma gietx osservata l-ligi tal-procedura fid-dikjarazzjoni tal-fatti allegati u l-elenku tax-xhieda billi m'hemmx indikati liema fatti u x'inhuma l-fatti li jrid jipprova biex jistabbilixxi skorrettezza u danni allegati u ghalhekk il-Qorti ghandha tordnalu qabel xejn jikkonforma skrupolozament mal-ligi.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut a fol. 16 tal-process.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Rat il-prospett tad-danni ezebit mis-socjeta` attrici fl-affidavit ta' Derek Mifsud Speranza a fol. 91 tal-process.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-noti ta' sottomissjoniet tal-partijiet.

**Fatti**

Il-konvenut kien impjegat mas-socjeta` attrici bhala Healthcare Manager mill-1 ta' Jannar 1998 sas-7 t'Awissu 1998. Huwa kien temm l-impjieg tieghu f'din d-data meta kien ghadu fil-perjodu ta' *probation*, liema perjodu, bis-sahha ta' skrittura privata bejn il-partijiet, kien gie stipulat ghal sena. Is-socjeta` attrici tallega illi fil-kors ta' l-impjieg tieghu, il-konvenut kien negligenti u traskurat b'mod illi s-socjeta` attrici sofriet danni. Inoltre, anke wara li temm l-imjieg tieghu, il-konvenut allegatament ghamel uzu minn informazzjoni konfidenzjali, liema agir wassal lis-socjeta` attrici biex issofri izjed danni. Ghalhekk saret dina l-kawza

**Konsiderazzjonijet**

Il-konvenut qed jeccepixxi illi huwa dejjem agixxa korrettement u b'responsabbilta' fl-ezercizzju ta' l-impjieg tieghu mas-socjeta' attrici kif ukoll wara li ttermina l-impjieg tieghu ma' l-istess socjeta'.

**Kummenti generali**

Qabel ma l-Qorti tghaddi biex tezamina fid-dettal it-talba tas-socejta' attrici dwar id-danni, hi se taghmel dawn il-kummenti generali li ghandhom jitfghu dawl ghal x'wassal ghal dina l-vertenza.

Il-konvenut kien diga qabel impjegat mas-socjeta' attrici u kien telaq ghax kellu incident mal-*Managing Director* u mar jahdem bhala infermier fi Sptar tal-Gvern. Imbaghad wara xi snin kien rega' gie avvicinat mis-socejta' attrici biex jerga jmur jahdem maghhom u kien accetta. Gie impjegat bhala *Healthcare Manager* u ghamel minn Jannar 1998 sas-7 ta' Awissu 1998 meta reggha telaq ghax ma kienx kuntent bil-mod kif kien jahdem il-*management* u hass li ma kienx zgur fl-impieg tieghu.

Il-konvenut telaq mill-imjieg tieghu (it-tieni darba) fil-perjodu ta' *probation* u s-socjeta' attrici qed tippretendi danni minghand il-konvenut ghan-nuqqasijiet li tghid li gew kommessi f'dan il-perjodu. Minkejja d-diversi ilmenti mressqa mis-socjeta` attrici dwar il-konvenut tul il-kawza,

ma jirrizultax illi fil-kors ta’ l-imjieg tieghu, u waqt li kien ghadu bi *probation*, s-socjeta` attrici taghat lill konvenut xi avvizi (*warnings*), u lanqas ma kienet hi li tterminatlu l-impjieg, meta, skond hi l-konvenut kien qed jonqos bil-kbir u qed jikkawzalhom danni meta setghet taghmel dan facilment u minghajr bzonn ta’ raguni.

Mhux verosimili li s-socjeta` attrici ma ndunatx bid-difetti tal-konvenut fil-kors tal-imjieg tieghu. L-esperjenza vasta li ghandu l-istess Emanuel Peresso fit-tmexxija tan-negozju qal li jaghmluh kapaci li jinduna mal ewwel jekk xi mpjegat mhux qieghed iwettaq xogholu kif mixtieq. Emanuel Peresso kellu l-ufficcju vicin  tal-konvenut u ghalhekk hu seta facilment josserva x’qieghed jigri u jiehu l-mizuri opportuni. Il-konvenut lahaq hadem ghal seba’ xhur mas-socjeta` attrici ghalhekk kien hemm  zmien bizzejjed biex wiehed jinduna bl-izbalji u n-nuqqasijiet ta’ l-impjegat. Probation qieghed ghalhekk.

Is-socjeta’ attrici qed tilmenta li l-konvenut bl-agir tieghu ghamillha hsara u taha isem hazin l-istess socjeta’ izda fl-istess waqt hi tiftahar li wara li telaq il-konvenut hi qed tespandi, qed tiddeversifika n-negozju, tisponsorja u taghti donazzjonijiet u  dejjem minn ta’ quddiem b’idejat u progetti godda.

Fil-*Job Description* tal-konvenut ma kien hemm ebda projbizzjoni li l-konvenut ma setghax jahdem ma kompetituri tas-socejta’ attrici wara li jispicca jahdem maghha u dana meta l-konvenut kien ghadu fuq *probation*.  Din il-klawsola hija maghrufa bhala wahda “*in restraint of trade*” u ghandha tigi nterpretata restrittivament fl’ interess ta’ l’impjegat. Kif anke ritenut fil-kawza Joseph Xerri noe v. Brian Clarke deciza fil-31 ta’ Lulju 1969, klawsoli bhal dawn jattiraw certu skrutinju fid-dawl ta’ l-artiklu 985 tal-Kodici Civili li jipprovdi li f’kuntratt, materja li tkun immorali, impossibli, espressament ipprojbita mil-ligi jew kontra l-ordni pubbliku mhijiex lecita.

**DANNI**

F'dina l-kawza s-socjeta`attrici tallega diversi kapi ta' danni fil-konfront tal-konvenut, li pero' fil-fehma tal-Qorti ma gewx ippruvati kif titlob il-ligi sabiex tkun tista' ssir il-likwidazzjoni ta' l-istess danni minn dina Il-Qorti. Minkejja l-volum ta' provi prodotti mis-socjeta' attrici, ftit minn dawn gew indirizzati lejn l-elementi principali tal-kawza u cjoe d-danni attwalment subiti mis-socjeta' attrici.

Is-socjeta` attrici tefghet il-htija fuq il-konvenut ghal certi ordnijiet meta rrizulta illi dawn kienu saru qabel ma l-konvenut beda l-impjieg tieghu mas-socjeta' attrici, u dan minn haddiehor. Is-socjeta' attrici wkoll irreklamat danni ohra li gew kawzati wara li l-konvenut kien spicca mix-xoghol.

Kien hemm ukoll danni illi allegatament gew subiti mis-socjeta` attrici illi dwarhom ma ngabitx l-ahjar prova. Fil-fatt, il-Qorti tosserva illi s-socjeta` attrici uzat hafna mill-hin tal-kawza sabiex titfa dell ikrah fuq il-konvenut u tghid kemm dana kien dipress, kemm kien ipejjep u kemm  kien dizorganizzat minghajr ma ressqet l-aqwa prova.

Il-Qorti ser issegwi il-prospett tad-danni allegatament subiti mis-socjeta`attrici, liema prospett jinsab a fol. 91 tal-process, u ser tiddecidi kull wiehed minn dawn il-kapi jekk hux gustifkat jew le.

1. <u>Flu Vaccine – Lm150.00</u>

Is-socjeta` attrici tallega illi l-konvenut naqas li jikkonferma l-ordni tal-flu vaccine minghand Chiron ta' l-Italja u minhabba f'hekk din il-vaccine waslet tard bil-konsegwenza li certi klijenti tad-ditta attrici ikkancellaw jew naqqsu l-ordni taghhom.

Il-Qorti taghmel referenza ghad-dokument a fol. 48 tal-process li hija fax mibghuta minn Chiron S.p.A. lis-socjeta` attrici fejn *inter alia* jinghad: *"I have not found any order related to the 4000 doses of Agrippal S1 …but we definitely knew about it and had already reserved the goods since Mr. Vassallo informed me about the quantity*

*your company wanted to import for the season 1998/1999."*

Fil-fehma tal-Qorti dan id-dokumenti juri li l-konvenut ma kienx negligenti f'dan ir-rispett. Inoltre d-danni subiti mis-socjeta` attrici ma gewx ippruvati bl-ahjar mod, per ezempju, b' *invoices* li jindikaw nuqqas fl-ordni minn sena ghall-ohra jew *invoices* fejn il-prodott gie mibjugh bi prezz ridott. Ghaldaqstant il-Qorti qieghda tichad it-talba ghad-danni rigward din il-flu vaccine.

2. <u>Polio Vaccine - Lm38.00</u>

Is-socjeta` attrici kellha ordni mill-Medical Stores ta' l-Isptar San Luqa ghal Oral Polio Vaccines illi kellhom jaslu ghandhom sal-25 ta' Gunju 1998. Dan huwa konfermat mid-Dokument a fol. 49 tal-process. Is-socjeta` attrici tallega li l-konvenut kellu jiehu hsieb jordna dan il-*vaccine* u stante illi naqas li jaghmel l-ordni relattiva, din waslet tard hafna u s-socjeta` attrici wehlet penali ghal dan id-dewmien.

3. <u>Ordni minghand Genelabs – Lm25.00</u>

Is-socjeta` attrici tallega illi hija kellha ordni mill-Medical Stores ta' l-Isptar San Luqa ghal *kits* minghand id-ditta Genelabs. L-ordni kellha data tat-8 ta' Lulju 1998, izda sas-7 t'Awwissu 1998, il-konvenut kien ghadu m'ghamilx l-ordni minn barra b'konsegwenza illi l-ordni waslet tard u s-socjeta` attrici wehlet penali ghal dan id-dewmien.

Rigward dawn iz-zewg allegazzjonijiet, il-konvenut iwiegeb illi l-ordnijiet relattivi kellhom isiru mill-Purchasing and Shipping Department.

Maria Christina Peresso inkarigata minn dan id-Dipartiment xehdet illi hija kienet tiehu hsieb taghmel l-ordnijiet izda gie zmien meta ma bdietx tlahhaq max-xoghol u ghalhekk talbet lill-kapijiet tad-dipartimenti relattivi sabiex jaghmlu l-ordnijiet ma' barra huma. F'dan il-kaz pero' ma ngabitx prova li effettivament saret din id-delega u minn meta saret, u jekk hux per ezempju

permezz ta' internal memo bejn id-dipartimenti. Il-konvenut qed jikkontesta li hu kellu jaghmel l-ordinijiet u jghid li meta ghamilhom kien ghax gie ordnat jaghmel hekk jew ghax kienu urgenti u ma kienx hemm haddiehor.

Ghalhekk minhabba nuqqas ta' provi f'dan ir-rigward, il-Qorti hi tal-fehma illi l-konvenut ma kellux ir-responsabilita` li jaghmel l-ordnijiet minn barra u ma jistax jinzamm responsabbli ghad-dewmien fl-ordnijiet u l-penali subiti. Il-Qorti tirrileva wkoll illi ma ngibitx prova sufficjenti tal-penali effettivament subiti bhal korrispondenza / fatturi mid-Dipartiment tal-Gvern fejn il-penali gew likwidati.

4. <u>Martins – Lm393.00</u>

Is-socjeta` attrici tallega illi id-ditta estera Martins infurmatha illi hija kienet irceviet ordnijiet doppji u pagamenti zejda minghand is-socjeta` attrici. Dwar dawn il-pagamenti zejda li setghu saru, il-Qorti m'hiex f'posizzjoni li tikkonkludi min kien responsabili` biex jaghmel il-pagamenti ghalkemm l-Qorti hija tal-fehma li kwalunkwe pagament zejjed li sar, gie rifuz mid-ditta estera f'ordnijiet sussegwenti.

5. <u>Drip Sets – Lm150</u>

Is-socjeta' attrici tallega illi l-konvenut ordna 25,000 *drip sets* li kienu destinati ghall-Isptar San Luqa liema *drip sets* waslu minghajr id-DH *markings* necessarji. Minhabba f'hekk Michele Peresso Limited wehlet Lm120 biex tqabbad zewg impjegati iwahhlu *stickers* bid-DH fuq kull *drip set*. Wehlet ukoll Lm30.00 penali ghad-dewmien.

Rigward dawn ta' l-ahhar, il-Qorti hi tal-fehma li l-penali ma gietx ippruvata bl-ahjar mod skond il-ligi. Id-dikjarazzjoni a fol 204 mhiex prova bizzejjed. Rigward in-nuqqas tad-DH *markings* ma hemm l-ebda prova konklussiva fil-process li tindika (1) li kien il-konvenut li wettaq l-ordni ta' dawn id-*drip sets* u (2) jekk intalabx li dawn id-*drip sets* ikollhom il-marka DH. Ghalhekk dan il-kap ta' danni qieghed jigi michud.

6. Dizordni fl-ufficcju – Lm600

Is-socjeta` attrici tallega illi l-konvenut Vassallo halla dizordni shih fl-ufficcju tieghu. Fil-fatt hija esebiet affidavit ta' certu Joseph Tanti illi gie offrut impjieg maghhom f'Awwissu 1998 u cioe wara li temm l-impjieg tieghu il-konvenut. Dana ghamel *"gimgha fl-ufficcju tas-socjeta` attrici nahdem prattikament erbatax-il siegha kuljum"*. Wiehed jifhem pero' mill-istess affidavit, illi dan Tanti uza hinu mhux biss biex jorganizza l-ufficcju izda wkoll biex jiffamiljarizza ruhu u jitghallem dak rikjest minnu minn l-impjieg il-gdid tieghu. Inoltre s-s-socjeta' attrici tghid li barra dan Tanti, il-*human resources manager* u l-istess direttur Emanuel Peresso qattghu diversi sighat sabiex jorganizzaw l-ufficcju.

Il-Qorti tirrileva li l-konvenut fl-ahhar gimgha ta' l-impjieg tieghu kien jaf illi huwa kien ser itemm l-impjieg tieghu u ghalhekk seta ghamel mezz biex jorganizza l-ufficcju biex min jidhol warajh ma jkollux diffikultajiet kbar. Kieku ghamel dan kien jimminimizza d-danni sofferti mis-socjeta` attrici. Ghalkemm id-direttur tas-socjeta' attrici setgha kien jaf kif kien l-ufficcju tal-konvenut, izda kien obbligu tal-konvenut li meta jirrilaxxa l-post ihalli b'tali mod li ma jkkawzahx danni lis-socjeta attrici. Madankollu l-Qorti ssib illi s-somma ta' Lm600 mitluba mis-socjeta` attrici hija wahda esagerata u ghalhekk meta tqies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz qieghda *arbitrio bono viri* tillikwida dawn id-danni fl-ammont ta' mitejn Lira Maltija (Lm200).

7. Telf tal-agenzija Johnson & Johnson – Lm1500

Is-socjeta` attrici tallega li hija kienet l-agent f'Malta tad-ditta Johnson & Johnson. Meta temm l-impjieg tieghu, s-socjeta' attrici tghid li l-*file* ta' din id-ditta ma nstabx fil-*premises* taghha. Sussegwentement id-ditta Johnson & Johnson hatret bhala agent taghha f'Malta lis-socjeta` Technoline Limited li maghha mar jahdem il-konvenut. Ghaldaqstant is-socjeta` attrici tallega illi hija tilfet l-agenzija ta' din id-ditta stante l-agir tal-konvenut.

8. Hsara fir-relazzjoni mad-ditta Huntleigh – Lm500

Is-socjeta` attrici tallega illi Ivan Vassalllo hammeg lis-socjeta`attrici mas-socjeta` estera Huntlegh Nesbit Evans bl-iskop li jirbah ix-xoghol ghal Technoline Limited a skapitu ta' Michele Peresso limited.

Dwar dawn l-ahhar zewg allegazzjonjiet, il-Qorti hija tal-fehma illi l-figuri ta' Lm1,500 u Lm500 li qed tippretendi s-socjeta` attrici, huma ghal kollox infondati u ma hemmx indikazzjoni kif is-socjeta' attrici waslet ghalihom.

Ghandu jinghad illi s-socjeta` attrici qatt ma kienet *sole agent* f'Malta tad-ditta Johnson & Johnson u ghalhekk din ta' l-ahhar setghet tinnegozja ma kwalunkwe ditta Maltija. Jirrizulta wkoll mill-korrispondenza esebita illi l-konvenut dejjem iddefenda l-interessi ta' Michele Peresso Limited fil-kors tal-impjieg tieghu maghha. Jirrizulta li Johnson & Johnson ghazlet li ttejjeb ir-relazzjonijiet ma' ditti ohrajn Maltin a skapitu tas-socjeta` attrici stante illi dina ma kinitx qed taghmel ordnijiet minghand Johnson & Johnson peress li kienet tippromwovi prodott simili izda ta' marka ohra, Diamed. Ir-relazzjoni bejn dawn id-ditti sfumat fix-xejn izda l-konvenut m'ghandux responsabblita' ghal dak li gara.

Rigward id-ditta Huntleigh, din il-Qorti ma tifhimx x'kienu d-danni attwalment subiti mis-socjeta' attrici u kif waslet is-socjeta` attrici ghal-komputazzjoni ta'dawn id-danni.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi,
il-Qorti tiddeciedi
billi tiddikjara illi l-konvenut bl-ghemil negligenti tieghu ikkaguna danni lis-socjeta` attrici, liema danni jammontaw ghal mitejn Lira Maltija (Lm200);
tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn Lira Maltija (Lm200).
Bl-imghax mid-data tas-sentenza
Fic-cirkustanzi, l-ispejjez ghandhom jibqghu minghajr taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------